MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2010

Numru. 580/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA’**
**KONTRA**

**JEFFREY CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Jeffrey Camilleri ta’ 25 sena, bin Emanuel u Jane nee’ Cherret, mwieled l- Awstralja nhar it- 2 ta’ Mejju 1985, residenti f’ 35, Torella, Triq Leli Camilleri, Zurrieq u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 355689(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f' dawn il- Gzejjer fl- 24 ta' Mejju 2009, ta jew ftiehem li jaghti jew offra jew ippropona lil xi persuna ohra, direttament jew indirettament, li dik il- persuna l- ohra ghandha taghti jew tiftiehem li taghti jew toffri, xi rigal jew kumpens lil Brian Chetcuti, player ta' Santa Lucia Football Club, biex ihajru jaghmel jew bi tpattija talli jaghmel jew jonqos milli jaghmel, jew talli, wara li jkun beda jsehh l- Att Dwar il- Prevenzjoni ta' Xiri ta' Players, ikun ghamel jew naqas milli jaghmel xi haga, li jekk issir jew jonqos milli ssir, tkun bi ksur tas- subartikolu (1) jew (2) tal- istess Att;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Nhar l-24 ta' Mejju, 2009, kien hemm loghba "football" bejn Zurrieq u Santa Lucia, u min jirbah kien ser jitla' ghat-Tieni Divizjoni fil-"league" tal-MFA. Gie allegat li waqt il-loghba, l-imputat, li kien jilghab ma' Zurrieq, offra s-somma ta' elf Ewro lil wiehed mill-"players" ta' Santa Lucia biex dan itellef il-loghba lit-"team" tieghu u b'hekk ighaddu ghat-Tieni Divizjoni t-"team" ta' Zurrieq. L-ufficjali tal-"club" ta' Santa Lucia gew informati b'dan, izda ma ghamlux rapport formali lill-awtoritajiet sa wara l-loghba spiccat. Fil-fatt il-loghba dahlet anke fil-hin barrani, bl-ebda rebbieh, u ghalhekk wara li din spiccat fi "draw" inghataw il-"penalties". B'hekk rebhu Zurrieq u telghu mit-Tielet ghat-Tieni Divizjoni. Immedjatament wara dan l-ufficjali ta' Santa Lucia ghamlu r-rapport formali lill-awtoritajiet tal-MFA, u wara li gew informati l-Pulizija bdiet l-investigazzjoni fuq dan il-kaz u nfethu dawn il-proceduri kontra l-imputat.

Mill-provi prodotti l-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat ghal din l-allegazzjoni maghmula kontra tieghu. Meta l-provi kollha gew esaminati mill-Qorti, il-kaz kollu jirrisolvi ruhu fil-kelma ta’ Brian Chetcuti, il-“player” ta’ Santa Lucia li allegatament gie avvicinat mill-imputat, kontra l-kelma tal-imputat innifsu. Ghalhekk, fin-nuqqas ta’ provi ohra indizzjarji li jistghu jikkorroboraw it-tezi tal-Prosekuzzjoni, il-Qorti trid tara l-verzjoni moghtija minn kull wiehed minnhom fl-isfond ta’ dak li effettivament gara.

Waqt is-smigh tal-provi saret riferenza ukoll ghal allegazzjonijiet ohra ta’ xiri ta’ “players” maghmula fl-istess loghba, liema rapporti, izda, jifformaw parti minn kazijiet kriminali ohra pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, u ghalhekk din il-Qorti trid tesamina biss dak li hu rilevanti ghal dan il-kaz, u tiskarta ghal kollox l-allegazzjonijiet l-ohra li saru fil-konfront ta’ terzi. Li jinteressa lil din il-Qorti huwa x’gara biss fil-konfront tal-imputat u hadd aktar, biex tara jekk tasalx ghal htija u kundanna kontrih jew le.

Gie allegat li l-offerta ta’ elf Ewro saret mill-imputat lil Brian Chetcuti lejn tmiem il-hin regolamentari tal-loghba, jigifieri fl-ahhar taghha, qrib id-90 minuta tal-loghba, meta r-risultat kien wiehed ta’ “draw” bejn Santa Lucia u Zurrieq. Brian Chetcuti ma rrapportax dan mal-ewwel lill-ufficjali tal-“club” tieghu, izda ghal xi raguni ghamel dan ir-rapport wara li spiccat il-loghba mil-hin regolamentari taghha, bdiet l-ewwel taqsima tal-hin barrani u ezatt qabel il-“half-time” tal-hin barrani irrapporta dak li kien gara.

Fix-xiehda tieghu Paul Sammut, segretarju ta’ Santa Lucia, jirreferi ghal rapporti ohra maghmula minn “players” ohra, u jghid li l-offerta li suppost ghamel l-imputat lil Brian Chetcuti hu ma nizzlux fir-rapport tieghu lir-referee tal-MFA. Hu jghid li ma nizzlux fir-rapport tieghu ghax ir-referee lahaq telaq minn hemm u ma lahaqx kellmu biex izid dan ir-rapport ulterjuri koncernanti l-imputat fir-rapport originali tieghu dwar “players” ohra. Dan ir-rapport ta’ allegat xiri sar fl-ahhar tal-loghba, wara li inghataw il-“penalties”.

Xehed ukoll ir-referee, Gordon Barbara, li kkonferma li fir-rapport li ghamlu lilu l-ufficjali ta' Santa Lucia ma kienx ircieva rapport fuq l-imputat. Di fatti Dok AG3 esebit a fols. 54 sa 60 juri dan kollu.

Xehed John Urry, tezorier ta' Santa Lucia, u qal li wara l-partita, meta kienu fid-"dressing rooms" bdew jitkellmu bejniethom u Brian Chetcuti hemmekk allega li l-imputat ukoll kien offrielu flus biex tintilef il-partita minnhom. Xehed ukoll l-Avukat Dr Victor Scerri, President ta' Santa Lucia, li qal b'dak kollu li kien sema' u li kien ghamel, u kkonferma li sar jaf bil-kaz tal-imputat wara li spiccat il-loghba, addirittura xi jiem wara, u mhux dak il-hin. Hu kien irrapporta lir-referee bir-rapporti li sarulu dwar "players" ohra, mhux dwar l-imputat.

L-Ufficjal Prosekutur, Angelo Gafa', spjega fix-xiehda tieghu kif kien ircieva r-rapport u x'passi ha fl-investigazzjoni tieghu, u spjega kif wasal ghall-imputat u ghalfejn hargu dawn l-akkuzi kontra Jeffrey Camilleri. Hu kien interroga lit-tlitt "players" ta' Zurrieq, fosthom l-imputat, li kien qed jigi allegat li kienu huma li offrew il-flus lil ta' Santa Lucia, u interroga ukoll lill-President ta' Zurrieq, John Farrugia. Hu kkonferma li ressaq lill-imputat fuq ir-rapport li ghamel Brian Chetcuti, u hadd aktar ma kien ghamel rapport fuq l-imputat. Peress illi dak li qal Chetcuti seta' jikkostitwixxi reat taht il-Kap 263 tal-Ligijiet ta' Malta, kellu jmexxi kontra Jeffrey Camilleri u kontra "player" iehor ta' Zurrieq.

L-Avukat Dr Peter Fenech, Vici-President tal-MFA, xehed li hu kien ircieva rapport ta' allegat xiri ta' "players" u minnufih irrapporta dan lir-referee u lill-Kummissarju tal-Pulizija. Hu ikkonferma d-dokumenti esebiti bhala "match reports", liema dokumenti ma jirriferux ghall-kaz tal-imputat.

Minn dawn il-provi kollha l-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati. Ma tistax toqghod biss fuq il-kelma ta' Brian Chetcuti, meta l-anqas biss gie inkluz dan ir-rapport tieghu fid-dokumenti ufficjali kollha ta' wara l-loghba. Ghal xi raguni

kollox jindika li r-rapport ta' Chetcuti gie qisu "afterthought" u ma giex inkluz fir-rapporti ufficjali. Dan jirrisulta mix-xiehda kollha li saret riferenza ghaliha. Apparti li l-imputat innega l-akkuzi kontra tieghu kemm fix-xiehda tieghu kif ukoll fl-istqarrija, il-Qorti ma tistax issib htija fih jekk kull ma hemm hu allegazzjoni maghmul minn "player" wiehed minghajr ma hu sorrett jew ikkorroborat minn hadd jew minn provi ohra.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 3(3), 9(1)(a) tal-Kap 263 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------